# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAD-29 TA' NOVEMBRU 2022**

**Kawża numru:3**

**Rik. Nru. 515/2022 RGM**

**L-Avukat Dr Marlon Borg**

**bħala mandatarju speċjali ta' Prof. Marek Ehrlich**

**Vs**

**Virtual Digital Services Limited (C-90997)**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment dwar talba tal-attur nomine sabiex il-Qorti tawtorizza korrezzjoni fit-talba attriċi li tinstab fir-rikors promotur fejn l-attur nomine talab rikonoxximent ġudizzjarju ta' sentenza mogħtija minn qorti ġewwa l-Awstrija.

**Introduzzjoni**.

1. Permezz ta' rikors promotur ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2022, l-Avukat Dr Marlon Borg (**l-Attur nomine**) għan-nom tal-Professur Marek Ehrlich (**l-Attur**) ċittadin Awstrijak, wara li ppremetta illi l-Attur kien ottjena sentenza mogħtija minn qorti fl-Awstrija kontra Virtual Digital Services Limited (**l-Konvenuta**), soċjeta' reġistrata hawn Malta, u li kien ottjena wkoll *'European Enforcement Order Certificate'* ai termini tal-artikolu 53 tar-Regolament Ewropew 1215/2021 u li kien jinħtieġ li dik is-sentenza tiġi eżegwita f'Malta; talab lil din il-qorti:

   > "tirrikonoxxi s-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' "Landesgerict fur Zivilrechtssanchen Wien", fl-Awstrija kontra l-kumpanija intimata ta' nhar it-28 ta' Jannar 2022 bħala titolu eżekuttiv f'Malta ai termini tal-artikolu 36 et seq. tar-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali bin-numru 1215/2021, u tiddikjara l-istess sentenza enforzabbli u eżegwibbli f'Malta ai termini tal-imsemmi Regolament bl-ispejjeż kontra l-kumpanija intimata".

2. B'digriet tal-1 ta' Lulju 2022 il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors promotur lill-Konvenuta bil-fakolta li tippreżenta risposta fi żmien għaxart ijiem u appuntat ir-rikors għas-smiegħ.

3. Il-Konvenuta laqgħet għal din it-talba billi permezz ta' risposta preżentata fil-5 ta' Awissu 2022 resqet diversi eċċezzjonijiet sew ta' natura prelimiari, sew fil-mertu. Permezz tal-ewwel żewġ eċċezzjonijet preliminari tagħha l-Konvenuta eċċepiet in-nullita' u l-irritwalita' tar-rikors promotur.

4. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha l-Konvenuta eċċepiet in-nullita' u l-irritwalita' tar-rikors promotur ai termini tal-Artikolu 789 u l-Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-Attur nomine ma speċifikax taħt liema disposizzjoni tar-Regolament (UE) 1215/2012 kien

fassal it-talbiet tiegħu bil-konsegwenza illi l-Konvenuta ma tistax tiddefendi ruħha.

5. Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha l-Konvenuta eċċepiet in-nullita' u l-irritwalita' tat-talbiet attriċi stante li r-Regolament (UE) 1215/2012 li sar referenza għalih fir-rikors promotiur ma jagħtix lill-parti li tkun trid tenforza sentenza estera mogħtija fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea id-dritt li tagħmel rikors għal dikjarazzjoni ta' rikonoxximent u infurzar bħal ma qed jitlob l-Attur nomine.

6. Rinfaċċjat b'dawn l-eċċezzjonijiet, fid-29 ta' Settembru 2002 l-Attur nomine ippreżenta rikors fejn talab korrezzjoni fit-talba minnu mressqa fir-rikors promotur sabiex tiġi taqra:

> *"Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tiddikjara illi, a tenur tal-Artikolu 36 tar-Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżeuzzjoni tas-sentenzi fi kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali bin-numru 1215/2012, m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' 'Landesgerich fur Zivilrechtssanchen Wien", fl-Awstrija kontra l-kumpanija intimata tat-28 ta' Jannar 2022, b'dan illi l-istess sentenza tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv enforzabbli u eżegwibbli f'Malta ai termini tal-imsemmi Regolament bl-ispejjeż kontra l-kumpanija intimata".*

7. Permezz tar-risposta tagħha tas-26 ta' Ottubru 2022 il-Konvenuta qed topponi għat-talba għall-korrezzjoni fit-talba attriċi. Issejjes l-opposizzjoni tagħha fuq il-pretest illi bil-korrezzjoni mitluba ser issir bidla fis-sustanza tal-azzjoni "b'mod illi s-soċjeta' intimata ma tibqax f'pożizzjoni li tiddefendi ruħha bl-istess eċċezzjonijiet.".

8. Tajjeb jiġi mill-ewwel puntwalizzat illi permezz ta’ dan il-provvediment il-Qorti ma hiex qed tiddeċiedi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Konvenuta iżda biss jekk għandiex tawtorizza l-korrezzjoni mitluba.

Ikkunsidrat;

9. It-talba tal-Attur nomine biex il-Qorti tawtorizza korrezzjoni fit-talba attriċi qed issir bis-saħħa tal-**Artikolu 175 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta’ Malta li jipprovdi illi:

> Il-qorti tista’, f’kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta’ waħda mill-partijiet, wara li tisma’ meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta’ waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata, sakemm sostituzzjonijew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.

10. Bis-saħħa tal-Artikolu 175 il-qrati jistgħu jew jordnaw is-sostituzzjoni ta’ atti, billi jitneħħa att u jitqiegħed ieħor minfloku, jew inkella jawtorizzaw emendi (tibdil/korrezzjoni) fl-iskritturi formanti parti mill-atti tal-proċess.

11. Il-qrati jistgħu jordnaw sostitzzjonijiet ta’ atti u tibdil fl-iskritturi mhux biss meta jkun hemm l-iżbalji speċifikatament imsemmija f’dak l-artikolu, iżda wkoll fil-każ ta’ “kull żball ieħor”. Hekk illi l-qrati ingħataw poteri wesgħin ħafna meta jintalbu jawtorizzaw korrezzjonijiet fl-iskritturi u dan għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex safejn possibbli u f’rispett tad-drittijiet tal-partijiet kollha jiġu evitati multiplikazzjoni ta’ kawżi.

12. L-unika restrizzjoni li Artikolu 175 jimponi hi illi l-qrati m’għandhomx jordnaw sostituzzjoni tal-atti jew emendi fl-iskritturi jekk is-sostituzzjoni tal-atti jew it-tibdil/korrezzjoni fl-iskritturi mitluba ikun ser iwassal (i)

għall-bidla fis-sustanza tal-azzjoni; jew (ii) għall-bidla fl-eċċezzjonijiet fil-mertu.

13. In tema legali ssir referenza għal xi każistika fuq din il-materja. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Elisabeth Anne Calabrese vs. Ersilia Bigeni** mogħtija fit-12 ta' Diċembru 1994 għamlet is-segwenti konsiderazzjoni dwar l-Artikolu 175:

> Id-diffikulta` li generalment tinholoq fl-applikazzjoni ta` dan l-artikolu taggira dejjem madwar din il-limitazzjoni (u cioe` 'basta li l-ebda tibdil bhal dan ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni') ; fil-kaz prezenti il-pretensjoni ta` l-appellanti illi t-tibdil ordnat mill-Qorti 'biddel fis-sustanza l-eccezzjoni' ;
>
> Huwa ovvju li din il-limitazzjoni ma tapplikax meta l-eccezzjoni tkun propju tindika l-izball li jigi korrett – sakemm dik il-bidla ma tbiddilx is-sustanza ta` l-azzjoni. Dan huwa ovvju ghaliex m`huwiex guridikament konformi illi bidla tista` ssir jekk ma ssirx eccezzjoni imma ma tistax issir jekk tinghata l-eccezzjoni. Il-qofol qieghed fil-precisazzjoni li timporta l-kelma 'fis-sustanza'. Din tindika li kull bidla li ssir trid tkun bidla ta` xi dettall ta` xi haga marginali imma mhux materja ta` sustanza jew li teffettwa s-sustanza.

14. Dan l-artikolu tal-liġi, li jaf l-oriġini tiegħu għall-ewwel kodiċi ta' organizzazzjoni u proċedura ċivili lura f'nofs is-seklu tmintax, serva tajjeb ħafna l-amministrazzjoni tal-ġustizzja f'pajjiżna għaliex bis-saħħa tiegħu huma bla għadd il-każijiet li fihom ġie evitat li xi att afflitt minn xi żball iwassal għal tmiem hesrem tal-proċedura ġudizzjarja mingħajr ġudizzju fil-mertu bil-ħtieġa ta' intavolar ta' azzjoni ġdida bil-konsegwenti spejjeż addizzjonali u ħin mitluf.

15. Ir-*ratio* wara dan l-artikolu huwa evidenti, sabiex jiġu evitati dupliċita' ta' kawżi u formaliżmu rigoruż li ħafna drabi jwassal sabiex jiġi stultifikat il-

kunċett tal-ġustizzja (**Edwin Mirabelli noe vs James Gollcher et noe** - Qorti tal-Appell - 14 ta' Marzu 1988).

16. Meta wieħed jifli f'liema ċirkostanzi sostituzzjoni ta' atti jew bidliet fl-iskrittura ma humiex permessi isib illi l-iskop wara tali restirzzjonijiet huwa li ma jiġux ippreġudikati d-drittijiet tal-parti li tkun qed topponi l-bidla mitluba. Għaliex lanqas għandu jkun li wara li tkun ġiet intavolata kawża fuq binarju partikolari, jiġi permess tibdil li jisposta l-azzjoni attriċi fuq binarju differenti minn dak oriġinali bil-konsegwenti preġudizzju li dan jista' jarreka lill-parti l-oħra. Il-massima legali *electa una via, non datur recursus ad alteram* tikkombaċja sew mar-ratio wara l-Artikolu 175.

17. Bl-istess mod ma hux mogħti illi sostituzzjoni fl-atti jew bidla fl-iskritturi tolqot l-eċċezzjonijiet ġia mogħtija dwar il-mertu. Dan japplika mhux biss meta t-talba hija magħmula mill-attur; iżda wkoll jekk it-talba tiġi min-naħa tal-konvenut, speċjalment jekk l-akkoljiment tagħha jkun ifisser l-introduzzjoni ta' eċċezzjoni ġdida fil-mertu li ma hiex eċċezzjoni li tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża. Artikolu 175 ma jistax jiġi invokat sabiex jiġi raġġirat Artikolu 728 (2) tal-Kap. 12 li ma jippermettiex li jitressqu eċċezzjonijiet oħra mhux imressqa fir-risposta ġuramentata ħlief dawk li jistgħu jingħataw f'kull waqt tal-kawża, jew inkella bil-permess tal-qorti, wara li tkun sodisfatta li tali eċċezzjoni ulterjuri ma kienx possibbli li titressaq fiż-żmien li ġiet intavolata r-risposta ġuramentata.

**Bidla fis-Sustanza tal-Azzjoni.**

18. L-ewwel parti tad-deliberazzjoni tal-Qorti għandha tkun jekk il-bidla fir-rikors promotur mitluba mill-Attur nomine hiex ser iġġib bidla fis-sustanza tal-azzjoni attriċi.

19. Fis-sustanza it-talba attriċi li l-Attur nomine irid li tiġi korretta/mibdula hija hija talba sabiex il-qorti tiddikjara eżegwibbli f'Malta bħala titolu eżekuttiv sentenza mogħtija minn qorti ġewwa l-Awstrija liema talba ressaqha filwaqt li invoka ir-Regolament (UE) 1215/2021. Bit-talba in sostituzzjoni l-Attur

nomine irid li l-Qorti tiddikjara minflok illi "m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent" tas-sentenza imsemmija u li "s-sentenza tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv enforzabbli u eżegwibbli f'Malta".

**European Enforcement Order Certificate**.

20. Artikoli 36 u 37 tar-Regolament (UE) 1215/2012 jipprovdu illi sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura speċjali.

21. Parti li tkun tixtieq tenforza fi Stat Membru sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor għandha tippreżenta lill-qorti fl-Istat Membru fejn trid teżegwisxxi (a) kopja tas-sentenza awtentikata; u (b) iċ-Certifikat tal-Ordni ta' Enforzar Ewropew (***European Enforcement Order Certificate)*** - Annex 1 tar-Regolament Ewropew. **Huwa provdut ulterjorment illi kwalunkwe persuna interessata tista' tersaq quddiem il-qorti fejn trid tenforza dik is-sentenza u titlob "għal deċiżjoni li m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent."** Dan id-dritt huwa mogħti sabiex jiġu mistħarrġa mill-ewwel l-objezzjonijiet li min ikun milqut b'tali ordni ikun ser iressaq.

22. Huwa evidenti illi meta ġie abbozzat ir-rikors promotur mertu tal-proċeduri odjerni ma ingħatatax l-attenzjoni meħtieġa għal dak li jiddisponi Artikolu 36 (2) tar-regolament ewropew .

23. Pero' l-Qorti tqis illi, kuntrarjament għal dak li qed issostni l-Konvenuta, mhux minnu illi bil-korrezzjoni mitluba ser tinbidel is-sustanza tal-azzjoni. Għaliex is-sustanza tal-azzjoni kienet u ser tibqa' it-talba tal-Attur nomine sabiex ikun jista' jeżegwixxi hawn Malta is-sentenza mogħtija minn organu ġudizzjarju fl-Awstrija.

24. Wieħed jista' jqis l-azzjoni promossa mill-Attur nomine u l-azzjoni in sostituzzjoni li issa jrid iressaq l-Attur nomine bħala l-pożittiv u n-negattiv tal-istess fini. Bil-mod kif impostata l-azzjoni attriċi l-Qorti qed tintalab sabiex tirrikonoxxi s-sentenza Awstrijaka u tiddikjaraha enforzabbli u

eżegwibbli f'Malta; filwaqt li bil-korrezzjoni mitluba l-Qorti tkun qed tiġi mitluba tiddikjara illi ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-Qorti m'għandiex tirrikonoxxi dik is-sentenza.

25. Filwaqt li l-Qorti tapprezza għaliex ir-Regolament ġie formultat b'dak il-mod, fl-istess ħin tqis illi kif l-azzjoni kif promossa oriġinarjament u kif issa qed jitlob l-Attur nomine li tiġi emendata huma tista' tgħid żewġ uċuħ tal-istess munita.

26. In konklużżjoni dwar dan l-aspett, il-Qorti tqis illi mhux minnu li bil-korrezzjoni mitluba ser isseħħ bidla fis-sustanza tal-azzjoni attriċi.

**Bidla fl-Eċċezzjoni fil-Mertu**.

27. Il-mertu tal-kawża huwa l-eżegwibilita' o meno ġewwa Malta ta' sentenza mogħtija minn qorti Awstrijaka. Fir-risposta tagħha l-Konvenuta ssostni illi jekk il-Qorti kellha tilqa' t-talba għal tibdil fir-rikors promotur hija mhux ser tkun tista' tibqa' tiddefendi l-posizzjoni tagħha bl-istess eċċezzjonijiet. Il-Qorti fehmet li l-konvenuta qed tirreferi għall-eċċezzjonijiet preliminari tagħha u mhux għall-eċċezzjonijiet fil-mertu.

28. L-eċċezzjonijiet preliminari ma jirrigwardjawx il-mertu tal-kawża iżda l-forma tar-rikors promotur. Konsegwentement, allavolja il-korrezzjoni li l-Qorti ser tawtorizza ser tolqot direttament l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-Konvenuta, dan ma jiprekludix lill-Qorti milli tawtorizza tali korrezzjoni għaliex huwa meta l-korrezzjoni mitluba tolqot l-eċċezzjonijiet fil-mertu illi l-qorti m'għandiex tawtorizza tibdiliet fl-iskritturi. (**Alfred Schwab vs. Mr Green Limited** - Prim' Awla - 4 ta' Marzu 2022).

29. L-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-Konvenuta dwar għaliex is-sentenza Awstrijaka m'għandiex tiġi eżegwita hawn Malta mhux ser jiġu mittiefsa bil-korrezzjoni mitluba mill-Attur nomine

30. In konklużżjoni, l-Qorti tqis illi jirriżultaw l-estremi sabiex il-Qorti tawtorizza l-korrezzjoni mitluba mill-Attur nomine.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi, u bis-saħħa tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti,

1. **Tilqa'** r-rikors tal-Attur nomine tad-29 ta' Settembru 2022;

2. **Tawtorizza** l-korrezzjoni hemm mitluba.

Bl-ispejjeż ta' dan l-episodju a karigu tal-Attur nomine inkwantu ġie instigat unikament min-nuqqas tiegħu.

**Moqri.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**